mid-drammi huwa l-mod li bih l-awtur joħroġ in-nisġa tad-dramm mibnija fuq il-kuntrast tal-karattri. Hekk naraw li f'*Adam u Eva* il-kuntrast qiegħed mhux bejn persuna u oħra iżda bejn l-istess bniedem f'etajiet differenti. F'*Il-Fortuna tal-Bakkaljaw* il-kuntrast qiegħed bejn Spiru t-tallab u Tonina w uliedha. Dawn ilkoll fqar, iżda Spiru kuntent u kwiet bil-ħajja li qed igħix u l-oħrajn, bil-maqlub tiegħu, dejjem moħħhom iħabbat sitta sitta jħewdnu fuq il-flus li m'għandhomx. Jekk inkomplu nistudjaw id-drammi l-oħra wieħed wara l-ieħor naraw li kollha huma mibnija fuq dan il-kuntrast. L-awtur jidher li ħoloq formula li fuqha sejjes id-drammi tiegħu kollha, iżda b'effett differenti kull darba għax użat fuq problemi u karattri li ma jaqblu xejn bejniethom, u għalhekk l-ebda wieħed ma jtellef lil ieħor.

## BERNADETTA DDOQQ IL-PJANU

*Ma jitkellmux il-fjuri*
*Imma fil-qalb joħolqu l-armonija.*

*Ma titkellimx għalissa*
*Dil-warda — Bernadetta —*
*Imma tqanqal fil-qalb daqq ta' sbuħija;*

*Xi ħlewwa għasslitli f'qalbi l-lum fis-siegħa*
*Li rajtha,*
*Li smajtha,*
*B'libsitha bajda kollha ward irqiq,*
*Issul, b'id waħda*
*Mistrieħa mal-banketta,*
*U bl-oħra fuq il-pjanu tfaqqa' sfiq,*
*U bit-tbissim iddawwar lejja lura*
*Ir-rwejsa sbejħa xmejxa, bewsa, fjura,*
*Sabiex — ta' daqqha ħlejju*
*Għaliha,*
*Għalija —*
*Ferħha mkabbar turini*
*U fl-istess ħin, taf jew ma tafx, tagħtini.*

7.xi.64

MANUEL CASSAR